MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1371/1994/1

**Alfred Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' New York Co. Limited**

**Vs**

**Brian Borg u b' digriet tat-22 ta' Mejju 1997 gie msejjah fil-kawza Joseph Azzilla**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Ottubru 1994 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi f' Novembru 1992 l-attur *nomine* halla magna f' idejn il-konvenut bil-ftehim li l-konvenut jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji fl-istess magna;

Premess illi ghalkemm debitament interpellat sabiex jirritorna l-istess magna l-konvenut sostna li l-magna ma baqghetx ghandu u baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti biex jirritorna l-magna lill-istess attur *nomine*;

2. Tordna li jekk il-konvenut ma jirritornax l-istess magna fi zmien lilu moghti issir stima ta' l-istess magna b' opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-13 ta' Awissu 1994 u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-30 ta' Novembru 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi l-irritwalita` ta' l-ewwel talba tac-citazzjoni stante li mhix preceduta b' talba li l-magna in kwistjoni hija proprjeta` ta' l-attur *nomine*;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li kwalsiasi magna li fuqha l-attur *nomine* qieghed jivvanta dritt, tinsab fil-pussess ta' certu Guzi Azzilla li ghandu jigi kkjamat fil-kawza;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Mejju 1997 li permezz tieghu gie kjamat fil-kawza Joseph Azzilla;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Joseph Azzilla pprezentata fil-25 ta’ Ottubru tas-sena 2000 li biha huwa eccepixxa:

1. Illi huwa m’ ghandu x’ jaqsam xejn mal-mertu ta’ din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, li kieku hemm azzjoni kontrih din illum hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, huwa m’ ghandu x’ jaqsam xejn mal-kaz peress illi l-ewwel magna mertu ta’ din il-kawza baqghet fil-pusess ta’ Brian Borg u hu ghandu jwiegeb ghaliha. L-eccepjent Azzilla kien sodisfatt bit-tieni magna, hallas taghha kemm lil Alfred Camilleri, kif ukoll lil Brian Borg u dwar l-ewwel magna ma kellu x’ jaqsam xejn aktar dwarha;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kjamat fil-kawza u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din hija kawza li l-ezitu taghha jiddependi fuq kemm kredibilita` tigi assenjata lill-versjonijiet singolari tal-kontendenti u lix-xhieda prodotti minnhom;

Fis-semplicita` taghhom il-fatti jistghu jigu hekk sintetizzati:-

L-attur *nomine* biegh magna *sekonda man* lil kjamat in kawza biex din tigi mmuntata fil-vann tieghu. Dan ix-xoghol sar mill-konvenut li hu mekkanik. Wara xi ftit li gie terminat dan ix-xoghol l-imsejjah fil-kawza beda jillanja illi l-magna xorta wahda ma kinitx qed tahdem sew. Minn verifiki li saru instab li din kellha cilindru difettuz. Il-kjamat in kawza ressaq dan l-ilment lill-attur *nomine* u dan accetta li jaghtih b' sostituzzjoni magna ohra. Din ukoll giet imqeghda fil-vann mill-konvenut. Sa hawn dawn il-fatti huma pressapoco pacifici bejn il-partijiet kollha in kawza;

Il-kuntrast bejniethom jirrivolvi dwar x' sar minnha l-ewwel magna li giet mibdula b' dik sostituttiva. L-attur *nomine* jistqarr li dwarha hu kien ftiehem mal-konvenut biex dan isewwihielu (ara Affidavit tieghu a fol. 21), u dan kien iggarantielu li hekk ser jaghmel. Meta, imbaghad, xi xahar wara cempillu biex jindaga dwarha, l-konvenut wiegbu li l-magna kien hadha l-imsejjah fil-kawza;

Fuq din il-kwistjoni l-konvenut jispjega fl-Affidavit tieghu (fol. 27) illi fl-okkazjoni li hu immonta t-tieni magna fil-vann ta' l-imsejjah fil-kawza, l-ewwel magna kien qeghda fuq wara tal-vann, tant li skond hu, l-imsejjah fil-kawza kien ilmenta mieghu li din ma messux ghamilha hemm "ghaliex biz-zjut li hargu kienet hammget il-kabina ta' wara" (fol. 29). F' dan, il-konvenut hu korroborat mix-xiehda ta' Peter Paul Agius, impjegat tieghu, u Pierre Caruana, habib tieghu, fl-Affidavit rispettivi taghhom a fol. 33 u fol. 35;

Joseph Azzilla, l-imsejjah fil-kawza, jizmentixxi dan il-fatt fl-Affidavit tieghu (fol. 62) u, anzi jsostni, li dak mistqarr mill-konvenut u mix-xhieda prodotti minnu kien falsita`. Huwa jtenni wkoll illi l-konvenut "kien jaf li l-magna ma kellux jaghtiha lili ghaliex Alfred Camilleri quddiemi qallu biex izommha u jsewwihielu" (fol. 63). Dan il-kontendent isemmi wkoll diverbji li nqalghu bejnu u l-konvenut dwar pretensjonijiet ta' hlasijiet extra mitluba ghall-*mano d' opera.* Kwestjoni din li ghalkemm fiha nfisha sekondarja, b' danakollu jista' jkollha piz fis-soluzzjoni tal-vertenza;

Quddiem dan il-kwadru ta' fatti u versjonijiet il-Qorti jkollha tkun gwidata minn dawn il-principji fl-evalwazzjoni ta' l-istess fatti:

(1) Li taghraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-tezi ta' naha wahda jew ohra fost il-kollitigandi. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u tal-versomiljanza, in kwantu dawn huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (**Kollez. Vol. L P II p 440**);

(2) Li tara jekk huwiex il-kaz li tapplika xi wahda minn dawn il-massimi: "*actore non probante reus absolvitur*" jew "*reus in excipiendo fit actor*";

Issa f' dan il-kaz l-attur ipprova anke bil-korroborazzjoni tal-kjamat in kawza illi huwa kien ikkommissjona lill-konvenut biex jirriparalu jew jirrangalu l-magna. Magna li hu prezunt li kienet fil-pussess tal-konvenut ghax kien dan

li zarmaha mill-vann tal-kjamat in kawza biex jissostitwiha bit-tieni wahda.  Il-piz tal-prova allura tal-fatt allegat mill-konvenut illi hu ghaddiha lill-kjamat in kawza tinkombi fuqu.  Dan kif irid u jiddisponi l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12.  Jekk hu ma jirnexxielux jipprova l-ezistenza ta' dan il-fatt issib applikabilita` il-massima fuq imsemmija tas-sustanza procedurali, jigifieri, "*reus in excipiendo fit actor*";

Kif gja fuq espost fuq dan l-allegat fatt hemm ix-xiehda tal-konvenut sorretta minn dik tax-xhieda prodotta minnu. Issa ghandu jinghad f' dan il-kuntest illi ma ghandhiex tigi eskluza *a fortiori* xhieda korroborattiva semplicement ghax wiehed hu impjegat u l-iehor habib, jekk dawn ikunu qed jixhdu fuq fatti li jafu bihom.  Lanqas ukoll, bla ebda gustifikazzjoni ohra, ma ghandha tigi mwarrba din l-istess xhieda ghax jigi semplicement insinwat li dawn xehdu l-falz;

Mill-banda l-ohra pero` l-interess tax-xhieda hi wkoll cirkostanza li wiehed izomm in vista fl-evalwazzjoni ta' xhud, u jara mill-assortiment tal-provi l-ohra, jekk dan huwiex, jew le, genwin u attendibbli;

L-attur *nomine* jsostni li hu azzjona lill-konvenut ghax hu kien halla l-magna ghandu u dan kien ukoll tah il-kelma li kien ser jirrangahielu (ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami fol. 84);

Minn naha tieghu l-konvenut joffri bi spjegazzjoni illi hu kien ghabba l-magna fil-vann ta' l-imsejjah fil-kawza "ghaliex il-*garage* tieghi huwa zghir u ma kellix spazju" (fol. 81);

Issa din il-Qorti ssibha ferm difficli biex taccetta bhala plawsibbli din l-ispjegazzjoni.  Kif lanqas ma taccetta c-cahda tal-konvenut tal-fatt li l-attur kien qallu biex jaghmel xoghol fuq il-magna.  L-iskuzanti li din kien hadha Joseph Azzilla (fol. 29) hi forsi komda izda mhux kredibbli.  Ghall-Qorti fuq l-apprezzament taghha tal-provi dawn l-

ispjegazzjonijiet fil-kumpless tal-provi m' humiex verosimili jew konvincenti. Il-konkluzjoni taghha fuq dan l-punt krucjali tal-vertenza hu indott mic-certezza morali taghha bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Principju dan espost u mhaddan f' bosta sentenzi f' gudizzji civili (ara fost ohrajn, **Kollez. Vol. XXXVI P I p 319** u "**Angela Parnis *et* -vs- Dr. P. Mercieca *nomine et***", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1972). Fic-cirkostanzi hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-attur *nomine* illegittima, fuq il-provi attendibbli, il-bazi u l-meritu ta' l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk, gjaladarba l-magna baqghet ma gietx rintraccjata, il-konvenut ghandu jikkompensa lill-attur *nomine* taghha, fl-ammont muri fid-dokument a fol. 89, u li jirrapprezenta l-prezz tal-magna;

Issa l-konvenut ma ddefendiex ruhu biss b' eccezzjoni fil-meritu ghaliex preordinatament ghal din issolleva wkoll eccezzjoni procedurali ta' l-irritwalita` tac-citazzjoni ghax it-talba kundannatorja ma kinitx preceduta minn talba dikjaratorja illi l-magna, suggett tal-kawza, hi proprjeta` ta' l-attur *nomine*. Ecccezzjoni din li, kif risaput, trid fit-termini ta' l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12, tigi deciza b' kap separat. Ara "**Paolo Galea *et* -vs- John Gauci**", Appell Civili, 20 ta' Marzu 1989;

Huwa konkordament ricevut f' numru ta' decizjonijiet illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m' hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi", (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 666; Vol. XLI P II p 688; "Gloria Beacom -vs- AIC Anthony Spiteri Staines"**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998);

Fil-fehma tal-Qorti mill-korp ta' l-istess citazzjoni hemm hjiel bastanti biex juri li l-attur *nomine* kien qed jippremetti illi l-magna *de quo* kienet tieghu u li din kien fdaha f' idejn il-konvenut. Konsegwentement ma tarax lok ghall-akkoljiment ta' l-irritwalita` eccepita.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kemm dik ta' l-irritwalita` tac-citazzjoni kif ukoll dik fil-meritu, u filwaqt li tichad ukoll l-ewwel talba attrici gjaladarba gie stabbilit li l-magna hi ntrovabbli, takkolji t-tieni u t-tielet domanda ta' l-attur *nomine* billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet mija u sittin lira Maltija (Lm360) prezz ta' l-istess magna, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza;

Il-kjamat in kawza qieghed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------